# Il-Ħadd 14.01.2018

1. Illum 14/01, **Jum l-Emigranti u r-Refuġjati**:
   - Fl-10:00am - Quddiesa bis-sagrament tal-Magħmudija.

2. It-Tnejn 15/01:
   - Fis-7:30pm - Laqgħa tal-Kummissjoni Kateketika fl-Uffiċċju Parrokkjali.

3. It-Tlieta 16/01:
   - Fid-9:30am - Laqgħa tal-Kelma tal-Ħajja għand is-Sorijiet Dumnikani.

4. Il-Ħamis 18/01:
   - Tibda ġimgħa ta' talb għall-Għaqda tal-Knejjes Insara bit-tema:
     **"Lemintek, Mulej, issebbħet fil-qawwa."** *(Eż 15:6)*.

5. Il-Ġimgħa 19/01:
   - Filgħodu - Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-6:30pm - Laqgħa Ekumenika ta' Talb għall-Għaqda fost l-insara mmexxija mill-E.T. Mons. Arċisqof Charles J. Scicluna fil-Bażilika ta' Marija Bambina, fl-Isla.

6. Is-Sibt 20/01:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fit-8:00pm - Laqgħa għall-koppji miżżewġa u wara ħin fejn nieħdu xi ħaġa flimkien fiċ-Ċentru Parrokkjali.

7. Avviżi oħra:
   - L-Erbgħa 17/01, fil-5:00pm il-Kunsill Lokali ser jagħmel il-laqgħa annwali tal-lokalità fl-uffiċini tal-kunsill stess. Kulħadd mistieden. (Min jixtieq li jitlob xi informazzjoni partikolari waqt il-laqgħa, huwa mitlub jagħmel kuntatt minn qabel mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv tal-Kunsill permezz tal-email: safi.lc@gov.mt jew iċempel fuq 21689168).
   - F'ċirkulari mill-Kurja ġejna mitluba biex lkoll kemm aħna:
     - nagħmlu ħilitna biex nevitaw it-tixrid tal-mard billi nieħdu ħsieb saħħitna sew u l-iġndafa personali tagħna. Nitolbu għal dawk kollha li huma morda u wkoll għal dawk li qed jikkurawhom u jduru bihom kemm fid-djar kif ukoll fl-isptarijiet biex il-Mulej jagħtihom l-għajnuna li jeħtieġu.
     - nitolbu wkoll għax-xita abbundanti, f'ħinha u u f'waqtha, li tagħmel il-ġid lir-raba' tagħna.

8. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 315 bħala ġabra speċjali li saret b'risq il-manutensjoni tal-knisja u l-proġetti tar-restawr.
   - € 1,835 mill-envelopes bl-Istrina tagħkom bl-istess għan.

   Grazzi mill-qalb, u nfakkru li min għadu ma tax il-kontribut tiegħu biex jagħmel dan mill-aktar fis.